# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1397/2022 TA**

**Fl-ismijiet:**

**Raymond Ellul, driver, bin Joseph u Giuseppa nee' Schembri, imwieled Żurrieq u martu Carmen Ellul, bint John Zahra u Tereza nee' Polidano, imwielda Birzebbugia u joqgħodu t-tnejn Birżebbuġia, għandhom karta tal-identita numru 231559M u 253463M rispettivament;**

**Anthony Ellul, impjegat, bin Joseph u Giuseppa nee' Schembri, imwieled iż-Żurrieq u martu Carmen Ellul bint Carmelo Sacco u Annunzjata nee' Vella, imwielda Birżebbuġia u residenti t-tnejn Birżebbuġia, għandhom karta tal-identita numru 287256M u 32256M rispettivament**

**Vs**

**John Borg, driver, bin John u Antonia nee' Camilleri, imwieled Zabbar u martu Maria Theresa Borg, bint Alfred Callus u Catherine nee' Mifsud, imwielda l Pieta' u t-tnejn residenti z-Zejtun, għandhom karta tal-identita numru 368066M u 459268M**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ta' Raymond Ellul u Anthony Ellul (ir-rikorrenti) tal-20 ta' Ottubru 2022.

Rat ir-risposta ta' John u Antonia Camilleri (l-intimati) tal-1 ta' Novembru 2022.

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Hadet nota tal-aċċess li sar fuq il-post fl-1 ta’ Novembru 2022.

Semgħet lill-abbli difensuri jittrattaw waqt l-aċċess.

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Il-kwistjoni kollha titratta daħla ta’ wisa’ ftit aktar minn wisa ta’ vettura li tagħti mill-għelieqi tal-intimati għal dik tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti jridu jżommu lill-intimati milli jagħqu. l-aċċess għal din l-għalqa għaliex għandhom biżgħa li ser jitella’ ħajt. Jirriżulta bħala fatt, li din hija l-unika daħla karreġġjabbli li teżisti sabiex ir-rikorrenti jaċċedu għall-għalqa tagħhom.

Jidher ċar li bejn il-partijiet teżisti kontestazzjoni dwar jekk l-intimati għandhomx id-dritt li jidħlu minn din il-fetħa. Dan jirriżulta anke mir-risposta tal-intimati li qiegħdin jinvokaw kuntratt pubbliku billi jsostnu li l-aċċess tar-rikorrenti huwa minn bnadi oħrajn. Dan ġie konfermat anke mill-intimati permezz tal-verbal li sar waqt l-aċċess. Anzi l-intimati jsostnu li r-rikorrenti qiegħdin iħallu lill-intimati jgħaddu minn din il-fetħa bona grazzja tagħhom u għalhekk mingħajr dritt fil-liġi.

Il-Qorti tfakkar li dawn il-Qrati jagħllmu li fi proċeduri bħal dawn ma hiex kompetenza tagħhom li jidħlu fi kwistjoni dwar il-mertu tas-sustanza tal-pretensjoni. Il-Qrati qalu dan ad nauseam fi kwantita kbira ta’ digrieti. Anzi jgħidu li kwistjonijiet ta’ sustanza bħal dak tal-petitorju, din hija materja riservata lil dik il-Qorti li finalment trid tiġi adita biex tqies il-kwistjoni ad funditus.

Kif intqal fid-**Digriet tat-3 ta' Marzu, 2005 fl-ismijiet Dragonara Casino Limited vs Dragonara Resort Limited** l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni hu dak li: a) iżomm persuna milli tibda jew tissokta tibni bini jew xogħol ieħor ikun li jkun b) iżomm persuna milli tħott jew tagħmel tibdil f'bini jew f'xogħol ieħor c) iżomm persuna milli tidħol f'fond jew lok d) iżomm persuna tagħmel xi ħaġa tkun li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat. Huwa biss għal dawn l-elementi fattwali biss li jittieħdu inkonsiderazzjoni u xejn aktar ħlief għall-elementi l-oħrajn li jkun jirriżulta li min qiegħed jitlob il-ħruġ tal-mandat prima facie għandu dritt x'jitutela u li jekk il-fatt isir is-sitwazzjoni li ser tkun krejata tkun waħda rreversibbli.

Iżda qabel il-Qorti għandha tassigura li talinqas hemm xamma li l-oġġett jew għemil temut tassew ikun ser isir. Dan huwa dak li kemm l-awturi u kif ukoll il-Qrati qiesu bħala fumus boni iuris. Bl-Ingliż "there is no smoke without fire". Dwar dan l-element ġuridiku l-awturi jgħidu hekk:

*"Nella non breve storia della tutela cautelare, tale scrutinio preliminare in iure e` stato tradizionalmente chiamato valutazione del fumus boni iuris, formula certo inelegante ma di immediate carica evocativa:*

*la pretesa di merito del ricorrente cautelare… deve essere suscettibile di una delibazione non immediatamente sfavorevole. In altre parole, deve apparire chiaro che il-richiedente potra`- con qualche seppur approssimativa plausibilita` risultare titolare del diritto che vuol vedere subito protetto e cosi` alla fine vincitore nell'eventuale giudizio di cognizione sul merito."* **( Ara Claudio Consolo, Spiegazioni di diritto processuale civile, Vol I – Le tutele (di**

**merito, sommarie ed esecutive) e il rapporto giuridico processuale – 2015, paġna 211**).

Il-Qorti ħadet inkonsiderazzjoni ċertu fatti rilevanti għall-proċeduri odjerni. Meta marret fuq il-post rat ftit ‘il bogħod minn fejn hemm din il-fetħa, borġ ċnagen lesti biex jintużaw. Rat ukoll, li bejn fejn hemm il-fetħa u l-għelieqi tal-partijiet għadu kemm sar fundament magħmul riċentament bi ċnagen li jista’ jservi biex jittella’ ħajt fuqu. Il-kwistjoni fuq din il-fetħa hija palpabbli bejn il-partijiet sal-punt, li l-intimat b’ċertu persistenza jinsisti, li r-rikorrenti ma għandhom ebda dritt jgħaddu minn hemm u li qiegħdin jagħmlu hekk buona grazzja tagħhom. Qieset ukoll, li jidher li r-rikorrenti ilhom snin jgħaddu minn din il-fetħa li hija l-unika waħda karreġġjabbli għal ġewwa l-għelieqi tagħhom.

Il-Qorti waslet għall-konklużjoni li dan kollu jipprova li r-rikorrenti għandhom raġun li jemmnu, li l-att li qed ifittxu jżommu tassew ser isir. Jirriżulta għalhekk li l-elementi kollha sabiex din il-Qorti tilqa’ it-talbiet tar-rikorrenti jirriżultaw u li jekk din tintlaqa’, sakemm tiġi deċiża l-kwistjoni fil-mertu, l-intimati ma huma ser isoffru ebda preġudizzju.

Isegwi, li din il-Qorti ser tgħaddi biex tilqa’ it-talbiet tar-rikorrenti. Pero’ tfakkar, li l-okkoljiment tat-talbiet ma jfissirx li r-rikorrenti għandhom raġun fid-dritt sostanzjali bħal ma jfissirx li għandhom dan id-dritt l-intimati, kieku din il-Qorti ċaħdet it-talbiet. L-eżitu ta’ dawn id-digrieti la jġibu ċ-ċaħda u lanqas il-konferma tad-dritt.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda għar-raġunijiet fuq imsemmija, tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti definittivament u konsegwentement tikkonferma d-digriet provvisorju tagħha tal-20 ta' Ottubru 2022.

**Illum 3, ta' Novembru, 2022**

**Imħallef Toni Abela**